# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**AVV. DR. ILONA SCHEMBRI**
**LL.B., LL.D., LL.M. (Lond.), Ph.D. (Birm.)**

**Udjenza tat-3 ta' Ġunju 2024**

**Talba nru. 307/2022 IS**

**VODAFONE MALTA LIMITED illum EPIC COMMUNICATIONS LIMITED (C 10865)**

***VERSUS***

**RITIENNE SCERRI URRY (I.D. 201296 (M)) U B'DIGRIET TAT-12 TA' DIĊEMBRU 2022 IL-KJAMAT IN KAWŻA CHRIST SCERRI URRY (I.D. 222392 (M))**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra illi b'Avviż tat-Talba ippreżentat fit-28 ta' Ottubru 2022 (a fol. 1 et seq), is-soċjeta´ attriċi talbet l-ammont ta' elfejn u ħames mija u ħamsa u sebgħin Ewro u sitta u tletin ċenteżmi tal-Ewro (Eur 2,575.36) rappreżentanti servizzi tat-telefonija mogħtija mis-soċjeta' attriċi lill-konvenuta Ritienne Scerri Urry bil-kont bin-numru 1.1102259 kif ukoll bl-imgħax legali mid-data tal-fattura relattiva sad-data tal-ħlas effettiv u l-ispejjeż.

Ra illi l-konvenuta Ritienne Scerri Urry ippreżentat ir-risposta tagħha fil-21 ta' Novembru 2022 (a fol. 11).

Ra illi l-konvenuta Ritienne Scerri Urry tenniet illi għandu jiġi kjamat in kawża Christ Scerri Urry (a fol. 11).

Ra illi l-kjamat in kawża Christ Scerri Urry ġie debitament notifikat fid-26 ta' Jannar 2023 (a fol. 23).

Ra illi l-kjamat in kawża Christ Scerri Urry ma ppreżenta ebda risposta u/jew kontro-talba u anqas deher għas-seduta wara li ġie innotifikat b'dan illi waqa' fi stat ta' kontumaċja (a fol.

29).

Ra l-atti proċesswali.

Ra illi din il-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidra

Mill-provi u xhieda prodotti jidher ċar illi s-soċjeta' attriċi l-konvenuta Ritienne Scerri Urry iffirmaw ftehim bejniethom sabiex is-soċjeta' attriċi tipprovdi is-servizzi tat-telefonija mogħtija mis-soċjeta' attriċi lill-konvenuta bil-kont bin-numru 1.1102259.

Dan it-Tribunal innota illi l-kjamat in kawża Christ Scerri Urry kien innotifikat iżda ma ppreżenta ebda risposta u/jew kontro-talba u anqas deher għas-seduta wara li ġie innotifikat b'dan illi waqa' fi stat ta' kontumaċja (a fol. 29).

Il-kontumaċja tal-kjamat in kawża Christ Scerri Urry

Hekk kif għadu ġie rrimarkat hawn fuq, jidher mill-proċess illi l-kjamat in kawża ma ressaq ebda risposta u/jew kontro-talba u anqas deher għas-seduta wara li ġie innotifikat b'dan illi waqa' fi stat ta' kontumaċja.

It-Tribunal josserva illi l-kontumaċja waħedha ma titqiesx bħala ammissjoni tat-talba tas-socjeta´ attriċi da parti l-kjamat in kawża iżda kontestazzjoni ta' l-istess. Għalkemm il-kjamat in kawża baqa' kontumaċi, dan ma jfissirx li huwa abbanduna kull eċċezzjoni li seta' jagħmel fil-kawża u ammetta id-domandi. F'każ ta' kontumaċja jibqa' l-oneru fuq is-soċjeta´ attriċi li tressaq provi sal-grad ta' probabbilità u li tressaq l-aħjar prova. Il-ġudikant għandu jeżamina jekk it-talba hijiex ġustifikata independentement mill-kontumaċja tal-kjamat in kawża (ara ***Fenici Insurance Agency Limited noe vs. Paul Stoner et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell [Inferjuri] fit-22 ta' Novembru 2002). L-istess intqal fis-sentenza ***Blye Engineering Co. Ltd vs. Philip Borg Bellanti et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) fit- 22 ta' Ġunju 2005:

> *"huwa wkoll principju ben stabbilit illi ghalkemm il-konvenut jibqa' kontumaci dan ma kellux jinftiehem bhala li hu abbanduna kull eccezzjoni li seta' jaghti fil-kawza u ammetta d-domanda. Sta ghall-gudikant li jezamina jekk it-talba hix gustifikata, indipendentement mill-kontumacja tal-konvenut*. Vide Kollez. Vol. XXIX P III p 35"

Inoltre´, fis-sentenza fl-ismijiet ***Joseph Edmond sive Jesmond Meilaq vs. Brian Mizzi et noe***, deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fis-27 ta' Marzu 1996 ingħad:

> *"Illi fl-ahharnett irid jinghad illi skond il-gurisprudenza tal-Qrati taghna, il-konvenut li jibqa' kontumaci, bhal kaz odjern, ma jitqiesx li ammetta ttalba ta' l-attur, izda jitqies li jkun irrimetta ruhu ghall-gudizzju tal-Qorti. Dana ma jfissirx pero' li l-Qorti tista' tqajjem hija*

*stess ex officio kwalunkwe eccezzjoni li l-konvenut seta' jqajjem kieku kkontesta l-kawza billi kif gie ritenut fis-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell in re Hammet vs Genovese moghtija fil-31 ta' Jannar 1991:*

*"Il-Qorti m'ghandhiex tissolleva eccezzjoniiet li mhiex awtorizzata espressament mill-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jew minn konsiderazzjonijiet ta' ordni Pubblika. Ghaliex altrimenti tinholoq sitwazzjoni fejn il-Qorti tiddeciedi fuq eccezzjoni taghha stess haga li mhix rakkomandabbli billi tinvolvi vjolazzjoni ta' principju kardinali tas-smiegh xieraq tal-kawza;""*

L-istitut tal-kontumaċja hu intiż biss sabiex irażżan l-atteġġjament tal-kontumaċja u disprezz da parti ta' min ġie ċitat biex jersaq quddiem l-Onorabbli Qorti jew Tribunal (ara **Kummissarju tal-Artijiet vs. John Curmi** deċiża mill-Prim' Awla fil-31 ta' Jannar 2003).

<u>L-azzjoni tas-socjeta´ attriċi</u>

Fit-talba tagħha, is-socjeta´ attriċi ippreżentat *statement* li juri l-kont bin-numru hawn fuq indikat fuq il-konvenuta, u liema kopja tal-i*statement* tinsab a fol. 4 u 5. Leanne Farrugia, in rappreżentanza tas-soċjeta' attriċi, reġgħet ippreżentat kopja tal=imsemmija *statement* meta xehdet fit-28 ta' Novembru 2023, fejn liema kopja tinsab a fol. 37.

Il-konvenuta ammettiet parti mit-talba tas-soċjeta' attriċi li skond hi kien l-ammont dovut minnha u fil-fatt, is-soċjeta' attriċi infurmat lit-Tribunal fl-20 ta' Mejju 2024 illi s-soċjeta' attriċi irċeviet l-ammont ta' elf mitejn u sittin Ewro (Eur 1,260.00) mingħand il-konvenuta (a fol. 84).

Fir-rigward tal-ammont pendenti ta' elf tliet mija u ħmistax-il Ewro u sitta u tletin ċenteżmi tal-Ewro (Eur 1,315.36), dan it-Tribunal innota illi Leanne Farrugia, in rappreżentanza tas-soċjeta' attriċi, xehdet fit-28 ta' Novembru 2023, u liema parti tax-xhieda tinsab a fol. 34, is-segwenti:

"*Xhud: Dak huwa account wiehed li kellu tliet kuntratti taht l-istess account li kien jghajjat lill-istess persuna.*

*It-Tribunal: Jigifieri biex inkun cara, hi iffirmat ghal dawn it-tliet kuntratti.*

*Xhud: Iva ghandi l-kuntratti hawnhekk.*"

Tul ix-xhieda tagħha hawnhekk imsemmija, Leanne Farrugia wkoll ippreżentat il-kuntratti u diversi dokumentazzjoni oħra li juru li kienu ffirmati mill-konvenuta. F'dan ir-rigward, dan it-Tribunal jifhem illi ġjaladarba kemm kuntratt bejn il-partijiet, il-partijiet huma obbligati illi jonoraw il-klawsoli kollha tal-kuntratt hekk iffirmat bejniethom, u dan skond l-Artikolu 960 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, liema Artikolu jipprovdi illi "*Il-kuntratt huwa konvenzjoni jew ftehim bejn tnejn min-nies jew iżjed, illi bih tiġi magħmula, regolata, jew maħlula obbligazzjoni.*" Ukoll, Artikolu 992 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, jitkellem fuq l-effetti tal-kuntratt bejn il-partijiet minnhom iffirmati. Tali provviżżjonijiet legali magħduda

mal-prinċipju *pacta sunt servanda* jwasslu sabiex kull parti tal-kuntratt għandha l-obbligu illi tonora l-parti tagħha, u dan ukoll hekk kif ingħad mill-Qrati Maltin f'diversi sentenzi, fosthom fis-sentenza bl-ismijiet ***Josephine Casha, Mario Casha, George Casha, Antonia Zammit, Carmen Magro, Thomas Casha v. Bella Claudia Nicoletta Cassar***.[1] B'dan illi l-konvenuta ġjaladarba ffirmat hi għall-kuntratt, hija obbligata għall-ammont kollu dovut lis-soċjeta' attriċi skond l-ammont indikat fit-talba tas-soċjeta' attriċi. Biss pero', is-soċjeta' attriċi ippreżentat nota fis-17 ta' Mejju 2024 fejn infurmat lit-Tribunal li kienet qed iċċedi t-talba tagħha kontra l-konvenuta u żżomm ferm it-talba tagħha fil-konfront tal-kjamat in kawża (a fol. 83).

F'dan ir-rigward, il-kontumaċja tal-kjamat in kawża u l-effetti tagħha ġew diskussi iktar 'il fuq, fejn il-kjamat in kawża ma hux qed jammetti t-talba għalkemm huwa kontumaċi. Biss pero', Leanne Farrugia, xehdet fit-28 ta' Novembru 2023, illi "*…fl-invoice hemm taht dawk in-numbers tista' tara hemm kemm hu l-bill tieghu…*" (a fol. 34) b'dan illi qed tagħti x'jifhem illi fil-fatt dan in-numru tal-mowbajl huwa fil-fatt tal-kjamat in kawża, Ukoll, hija ippreżentat diversi *invoices* li jinsabu a fol. 38 sa 51 illi juri li hemm numri differenti tal-mowbajls. B'dan illi għaldaqstant, is-soċjeta' attriċi ippruvat sal-grad rikjest mil-Liġi it-talba tagħha u fil-konfront ta' min hu responsabbli. B'dan illi il-kjamat in kawża hu obbligat illi jħallas l-ammont ta' elf tliet mija u ħmistax-il Ewro u sitta u tletin ċenteżmi tal-Ewro (Eur 1,315.36) lis-soċjeta' attriċi.

Fir-rigward ta' dan l-ammont dovut mill-kjamat in kawża lis-soċjeta' attriċi, is-soċjeta' attriċi qiegħda titlob l-imgħax. F'dan ir-rigward, it-Tribunal jagħmel referenza għall-artikolu 1141 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta. F'dan il-każ, jidher illi tali obbligazzjoni hija ta' natura kummerċjali skond Artikolu 5 (e) il-Kodiċi tal-Kummerċ, Kap. 13 tal-Liġijiet ta' Malta. B'dan illi għaldaqstant, għandu japplika is-sub-artikolu 1 tal-Artikolu 1141 hawn imsemmi. Għaldaqstant, tali imgħax beda jiddekorri mid-data ta' kull fattura hekk mhux imħallsa u tali imgħax jibqa' jiddekorri sakemm isir il-ħlas effettiv. B'dan ukoll illi l-imgħax ta' tmienja fil-mija (8%) ikun applikabbli. L-imgħax ta' tmienja fil-mija (8%) hu dak l-ammont ipprovdut fil-Kodiċi Ċivili illi għandu japplika, sakemm il-partijiet ma jiftiehmux fuq ammonti inqas jew sakemm ma tkunx applikabbli il-leġiżlazzjoni sussidjarja 16.06, u liema żewġ eċċezzjonijiet ma japplikawx f'dan il-każ.

## Decide

Għaldaqstant, dan it-Tribunal jaqta´ u jiddeċiedi billi jilqa´ t-talba tas-socjeta´ attriċi għall-ammont ta' elf tliet mija u ħmistax-il Ewro u sitta u tletin ċenteżmi tal-Ewro (Eur 1,315.36) rappreżentanti servizzi tat-telefonija mogħtija mis-soċjeta' attriċi lill-kjamat in kawża Christ Scerri Urry bil-kont bin-numru 1.1102259 kif ukoll l-imgħax ta' tmienja fil-mija (8%) li beda jiddekorri mid-data ta' kull fattura hekk mhux imħallsa sad-data tal-ħlas effettiv u jikkundanna

[1] 25 ta' Jannar 2023, Qorti tal-Appell (Ref.: 41/2020/2)

lill-kjamat in kawża Christ Scerri Urry sabiex jagħmel dawn l-imsemmija ħlasijiet.

L-ispejjeż ġudizzjarji marbuta ma´ dawn il-proċeduri huma kollha a kariku tal-kjamat in kawża Christ Scerri Urry.

**Avv. Ilona Schembri**
Ġudikatur